MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta ta' 25 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 2261/2002

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Clyde Cassar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Settembru 2002 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tmintax-il lira Maltija (Lm418.00), in kwantu ghas-somma ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300.00) import ta' tlett (3) kambjali annessi mal-avviz u mmarkati Dokumenti 1, 2 u 3 u li d-data tal-maturita` taghhom skadiet, u in kwantu ghas-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100.00) merci mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut, u in kwantu ghas-somma ta' tmintax-il lira Maltija (Lm18.00) bhala imghaxijiet legali dovuti sal-lum fuq l-istess ammont;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-lum sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. John Buttigieg ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u tmintax-il lira Maltija (Lm418.00) bl-imghaxijiet legali mit-18 ta' Settembru, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispjjez ta' dina l-istanza ghadhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**